MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 69/2004/1

**Carmelo Borg**

**vs**

**Maria Dolores Lowe**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-26 ta' Novembru 2010 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord,*

*Ra r-rikors promutur :*

*Illi l-esponenti huwa sid il-fond "Voncar" Flat numru 1 fi Triq San Frangisk, San Giljan. Illi dan il-fond huwa mikri*

*lill-intimata u dana versu l-hlas gravanti ta' kera fl-ammont ta' erbghin lira Maltin fix-xahar (Lm40). Illi l-iskadenza li jmiss hija fl-ahhar tax-xahar ta' Settembru 2004.*

*Illi l-intimata prezentement ma ghadhiex tghix fil-fond lilha mikri u l-istess fond bhalissa qed ikun okkupat minn terzi ohra. Illi ghalhekk l-intimata ma hijiex qed tuza l-istess fond ghal skopijiet li gie mikri lilha u trasferit l-istess kirja lil haddiehor.*

*Illi inoltre l-esponenti ghandu bzonn il-fond mikri lill-intimat ghalih personalment u dana kif ser jirrizulta waqt is-smigh ta' dan l-umli rikors.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex minhabba fir-ragunijiet esposti f'dan ir-rikors jizgombra u jittermina l-kirja tal-intimata mill-fond "Voncar" Flat 1, Triq San Frangisk San Gwann sabiex b'hekk l-esponenti jirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni proprjeta' tieghu.*

*Ra r-risposta tal-intimata Maria Dolores Lowe li jghid hekk:*

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante li:*

*1. Hija tirrisjedi regolarment fil-fond sa minn Mejju 1991.*

*2. Illi hija tghix mat-tifel u bl-ebda mod qatt ma ttrasferiet il-kera lilu.*

*3. Illi dan qed isir ghaliex bil-wirt l-appartament gie proprjeta' tieghu u jrid idahhal lil barranin b'kera ferm ghola.*

*4. Ir-rikorrenti ghandu hafna propjeta' ohra u mhux vera li jridha ghalih.*

*Salv risposti ulterjuri.*

*Sema' l-provi.*

*Ra l-atti kollha tar-rikors.*

*Ikkonsidra:*

*Illi r-rikorrenti qieghed jadixxi dan il-Bord ghar-rimedju tar-ripreza tal-fond li tieghu huwa s-sid fuq tliet premessi li huma riflessi fl-artikoli 9 (a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Dwar l-uzu tal-fond mhux ghall-iskop li ghalih kien mikri l-fond, ir-rikorrenti jghid illi fl-affidavit tieghu illi jaf li l-intimata ghandha fond f'Marsascala u mhix qed tghix fil-fond mertu tal-kawza tant li meta gieli mar fih qatt ma raha hemm izda dejjem kien hemm binha. In sostenn tal-pretensjoni tieghu, r-rikorrenti esebixxa printout tad-direttorju tat-telefon tal-Maltacom li juri li fuq isem l-intimata hemm registrati zewg numri tat-telefon, wiehed fil-fond in kwistjoni u iehor fuq il-fond fi Triq il-Friefet, Marsascala. In subizzjoni, l-intimata cahdet li hi ghandha post iehor f'Marsascala u anqas biss kienet taf dwar in-numru tat-telefon t'hemmhekk u spjegat illi hija ghandha boyfriend li kien xtara dan il-post apparentement ghall-skop ta' negozju u kien talabha teqleb in-numru tat-telefon ghal fuqu izda meta marret tapplika ghal hekk kienet rikjesta l-karta tal-identita' tieghu li ma kellhiex fuqha u peress li ma kienx possibbli ghalih li jattendi talabha minflok li teqleb it-telefon ghal fuq isimha. Dan il-post kien nel frattemp inbiegh lil terzi izda hi ma kellha x'taqsam xejn mieghu u la hi u anqas il-boyfriend taghha qatt ma ghexu fih. Dik kienet il-prova mressqa mir-rikorrenti. Bhala obbjezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti dwar il-punt in dizamina, l-intimata esebiet kopja tal-ahhar ricevuti li l-ahhar data taghhom hija tad-9 ta' Marzu 2004, rizultat ta' ricerki mir-Registru Pubbliku mill-1 ta' Jannar 1968 sal-5 ta' April 2006 li juru li li qatt ma ma kienet sid ta' proprjeta' mmobbli u kopja ta' kontijiet tad-dawl u ilma tal-fond in kwistjoni datat 9 ta' Mejju 2006 li juri konsum ta' servizzi. Rapprezentant mill-Ufficcju Elettorali esebiet kopja ta' estratti mir-registru elettorali minn April 1991 sa April 2006 li lkoll juru li l-intimata dejjem kienet registrata bhala votant*

*fl-indirizz mertu tal-kawza. Oltre dan, l-intimata xehdet illi ilha tirrisjedi f'dan il-fond sa minn meta haditu b'kera minghand missier l-intimat u llum hemm binha jghix maghha, bintha mizzewga u m'ghadhiex tghix maghha. Gaetano Borg ukoll xehed dwar l-incident tat-traferiment tas-servizz tat-telefon rigwardanti l-fond ta' Marsascala u konferma dak li qalet l-intimata kif ukoll li l-fond kien jappartjeni lilu.*

*Dwar it-trasferiment tal-fond lil terzi, r-rikorrenti xehed, kif fuq intqal, illi l-intimata qed tghix fil-fond ta' Marsascala u fil-fond odjern qed jghix binha u dan jafu ghaliex rah hemm kull meta acceda fil-fond. Aggunt max-xhieda taghha supra, l-intimata rribadiet illi hija minn dejjem ghexet fil-fond in kwistjoni u maghha jghix binha li ghandu cittadinanza Brittanika kif ukoll dik Maltija. Bin l-intimata xehed illi huwa joqghod flimkien ma ommu fil-fond mikri lilha u li hadd hliefhom ma joqghod hemm u li l-karta tal-identita' hija registrata fuq dan l-istess fond.*

*Dwar il-htiega tal-fond biex dan ikun uzat minnu personalment, ir-rikorrenti xehed illi huwa ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni personali minn ma martu u minkejja li kien joqghod maghha gewwa villa, issa qieghed jghix f'basement ghaliex martu bidlet is-serratura tal-fond konjugali u kien kostrett jghix mod iehor "minghajr l-effetti basici li fihom jista' jghix bniedem". Minkejja proceduri favorevoli fil-Qrati, huwa kien ghandu ma inghatax access ghad-dar tieghu minn martu u ghalhekk jehtieg il-fond odjern biex jghix fih hu. Ir-rikorrent qal ukoll illi ghandu proprjeta' ohra li tinsab il-Gzira izda din hija mikrija lil familja ta' hames minn nies oltre li dan il-post mhux tajjeb ghar-rikorrenti u l-kerreja tieghu m'ghandhiex post alternattiv fejn tghix.*

*Akkwiziti dawn il-provi, l-Bord fl-ewwel lok u opportunement jirrileva illi huma indubjament pacifiku illi ghandu jkun is-sid li jipprova dak minnu allegat b'fatti univoci u kredibbli sal-punt tal-konvicement li l-kerrej ghamel uzu divers mill-fond, jew ghamel sullokazzjoni jew trasferiment iehor anke jekk parzjali. Kif hafna drabi ritenut, il-konviciment tal-gudikant fir-rigward irid ikun*

*oggettivament u pozittivament radikat f'dawn l-istess provi u mhux assunt minn supposizzjonijiet immaginarji ta' fatti li ma jkollhom l-ebda konnessjoni mal-provi. Dan qed ikun konvenut ghaliex il-Bord hu tal-fehma li fir-rigward tal-ewwel zewg premessi tieghu, r-rikorrenti ma ressaq ebda fatt li jista' jinghad li hija b'xi mod marbuta mar-realta' kif emergenti mill-provi. Jazzarda izid dan il-Bord illi minn imkien ma jirrizulta li l-intimata m'ghadhiex tghix f'dan il-fond jew li qatt ghamlet zmien ma tghix fih b'mod illi l-valutazzjoni ta' dan il-Bord hi ristretta ghall-apprezzament tal-fatti ghaliex mill-esposizzjoni tal-fatti skont ir-rikorrenti, dan ma jqanqal l-ebda htiega ghall-apprezzament ta' punti ta' ligi dwar dak in dizamina. L-intimata kienet u ghadha tghix f'dan il-fond, thallas l-konsum tad-dawl u ilma li jidher fil-fatt li qieghed ikun utilizzat, il-karta tal-identita' taghha huwa registrat fuq dan il-fond, qatt ma kellha titolu fuq immobbli ohra u binha jghix maghha kostantament fl-istess fond. Isegwi ghalhekk illi oltre li ma jirrizulta ebda uzu divers tal-fond minn dak li ghalih kien destinat, ma jirrizulta wkoll ebda trasferiment f'idejn terzi, senjatament iben l-intimata, ghaliex dan ghadu jghix maghha fil-fond odjern.*

*Il-Bord ezamina ukoll il-provi mressqa dwar il-htiega tal-fond mir-rikorrenti ghal-uzu personali tieghu. L-artikolu 9 (b) tal-Kapitolu 69 jaghti id-dritt lil sid li jixtieq jirriprendi l-fond mikri b'dan illi l-fond ikun mehtieg ghall-uzu minnu jew axxendenti jew dixxendenti tieghu wara li l-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej ikun jista' jsib dar ohra fejn joqghod li tkun tghodd ghall-mezzi tieghu u tal-familja tieghu ghal dak li hu wisa' u sura u li tkun qrib ix-xoghol tieghu jekk ikun jahdem. Oltre dan, il-Bord huwa tenut jezamina minn miz-zewg partijiet jista' jbati l-aktar f'kaz li tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti sid il-kera. Tajjeb li jkun ribadit f'dan l-istadju, illi "l-offerta ta' alternative accomodation" mhux xi rekwizit sine qua non sabiex is-sid jaghmel talba ghar-ripreza ta' fond fuq htiega tal-istess –* ***Carmelo Gauci vs Emmanuel Cachia*** *App Civ 12.2.1954. Jibda biex jinghad illi sid il-kera jehtieg li jipprova grad ragjonevoli ta' bzonn ghar-ripreza ta' fond, grad li irid juri mhux biss semplici xewqa jew preferenza u lanqas li jkun bzonn ivvintat jew kapriccuz. (ara in rigward* ***Kollex. Vol. XLVII P I p70,***

***Kollez. Vol XLVI P I p254, Joseph Borg vs Josephine Breckon** App 24.1.1997). Fuq l-istregwa ta' dawn ir-rekwiziti, anke jekk b'mod generali, l-ewwel haga li r-rikorrenti jehtieg jipprova hu li verament ghandu bzonn ta' dan il-fond. Fl-esposizzjoni tal-fatti, r-rikorrent wieghed li jesebixxi sentenza tal-Qorti biex jillustra x-xhieda tieghu dwar l-ispoll konsistenti fit-tkeccija tieghu mid-dar konjugali. Dan baqa' m'ghamlux u anqas ma ressaq provi dwar is-separazzjoni personali tieghu. Mhix l-intenzjoni tal-Bord li jiddispensa minn din it-talba semplicement fuq aspett tekniku bhal dan l-aktar meta si tratta ta' kwistjoni daqshekk sensittiva. Bl-istess mod li l-Bord ghandu jkun konvint li t-talba tar-rikorrenti mhix bazata fuq semplici xewqa kif huwa kostantament ritenut fir-gurisprudenza in rigward. Fil-kawza **Wisq Rev. Kan Dun Giuseppe Zammit vs Francis Gatt** App Civ 4.2.1985 kien ritenut ili jekk il-kerrej ghandu suitable alternative accomodation ma hemmx htiega li jkun paragonat il-harsdhip rispettiv tal-partijiet u s-sid ghandu jinghata l-pussess tal-fond jekk jipprova grad ragjonevoli ta' bzonn li jiehdu ghall-okkupazzjoni minnu jew minn persuni msemmija fil-ligi. A contrario sensu, il-Bord ghalhekk hu tenut li jaghmel dan l-ezami tal-hardship gia la darba kien deciz li l-intimata ma ghandha ebda post alternattiv fejn tghix. Ir-rikorrenti isostni li hu qed jirrisjeda f'basement ta' dar u ftit wara jghid li jghix f'garaxx bla "effetti bazici li fihom jista' jghix bniedem". Il-konsegwenza fil-kaz li l-Bord jilqa' talba tar-rikorrenti tkun li l-intimata ma jkolla assolutament l-ebda post fejn toqghod anqas, gratia argomenti, l-basement jew garage li llum qed jirrisjedi fih r-rikorrenti. Ir-rikorrenti xehed f'Marzu tas-sena 2005 u din is-sentenza qed tinghata llum f'Novembru 2010 u fil-mori tal-kawza ma nstema' xejn dwar kif ir-rikorrenti irrizolva s-sitwazzjoni pendenti tieghu qua separazzjoni personali minn ma martu u x'sar mill-ezekuzzjoni tas-sentenza vincenti ta' spoll anke ghaliex din setghet kienet rizolta fil-mori tal-kawza. Il-Bord huwa tal-fehma illi l-intimata tista' tbati hafna aktar mir-rikorrenti fil-kaz li tintlaqa' t-talba tieghu.*

*Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Carmelo Borg (I.D 198251M) datat 16 ta' Dicembru 2010 a fol 1 tal-process fejn filwaqt illi jirreferi ghall-provi gia migbura u s-sottomissjonijiet li qed isru fir-rikors tal-appell, l-appellanti ghamel referenza ghas-senetnza fl-ismijiet premessi deciza fis-26 ta' Novembru 2010 u talab li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata sabiex b'hekk tilqa' it-talbiet tal-appellanti. Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza quddiem il-Bord gew imdahhlin 20 ta' Dicembru 2010 (fol 6).

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Frar 2011.
Rat ir-risposta tal-appellata Maria Dolores Lowe datata 31 ta' Jannar 2011 a fol 19 tal-process fejn hija sostniet illi s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-26 ta' Novembru 2010 hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet hemm premessi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Frar 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Anna Mallia ghall-appellata, u l-appellant Carmelo Borg assistit minn Dr. Edward Gatt. Dr. Anna Mallia tat ruhha b'notifkata bl-avviz tas-smigh. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghall-5 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appellanti kien ghamel kawza ghar-ripresa tal-fond "Vincar Flat. Nru. 1, Triq San Frangisk, San Giljan ghaliex sostna li l-intimata ma ghadhiex tghix fil-fond lilha mikri u ghalhekk qed tuza l-fond ghal skopijiet differenti minn dak mikri lilha u wkoll ghaliex huwa ghandu bzonn il-fond mikri lill-intimata ghalih personalment.

Illi l-Bord li Jirregola l-Kera bid-decizjoni tieghu datata 26 ta' Novembru 2010 cahad l-istess talbiet ghaliex sostna li (1) fil-fatt l-intimata baqghet tghix gol fond mikri lilha; (2) li r-rikorrenti ma ppruvax li ghandu bzonn l-istess fond ghalih kif huwa kien qed jallega, anke minhabba li naqas li jesebixxi l-atti relattivi dwar il-kawza ta' separazzjoni li kien dak iz-zmien ghaddej minnha u wkoll dik ta' l-azzjoni ta' spoll u lanqas informa lill-Qorti bi provi konkreti x'kien sar mid-data ta' meta xehed sad-data tas-sentenza; inghad ukoll li ezaminata l-kwistjoni ta' *hardship* irrizulta li kieku kellha tintlaqa' t-talba tal-appellanti huwa kien u allura jigi ghall-mument accettat li kien ghadu qed jghix fil-*basement* ta' dik li kienet ir-residenza tieghu jew garage mid-data ta' meta xehed sad-data tas-sentenza mill-Bord, xorta wahda l-intimata appellata kienet ser issofri pregudizzju iktar ghaliex hija flimkien ma binha kienu ser jispiccaw minghajr saqaf fuq rashom u allura *"l-intimata tista' tbati hafna aktar mir-rikorrenti fil-kaz li tintlaqa' t-talba tieghu".*

Illi l-appell odjern tal-appellant huwa, kif jghid l-istess rikors tal-appell limitat biss ghall-kwistjoni ta' bzonn li r-rikorrenti jghid li ghandu tal-istess appartament, fejn isostni li l-Bord kien *"ingustament insensittiv mal-bzonn tal-appellanti"* u dan ghaliex huwa ghadu sallum jghix go garaxx li lanqas biss fih il-htigijiet sanitarji kif ghandha dar normali u dan minkejja li l-kawza ta' separazzjoni intemmet b'decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li ghalkemm ordnat il-bejgh tal-istess dar matrimonjali dan ghadha ma sehhietx. Jghid li allura meta kkomparat il-bzonn tar-rikorrenti ma' dak tal-intimata/appellata – li skond huwa hija persuna mdahhla sew fid-dinja tan-negozju fejn anke tassisti lill-mahbub taghha fix-xiri u bejgh ta' proprjeta' mmobbli, hija ma hijiex ser ikollha diffikolta` li tikri sabiex tidhol fi proprjeta' differenti u allura *"l-bzonn tas-sid li jiehu l-post ghalih huwa ferm aktar oneruz milli tal-appellata kif erronjament irraguna b'certu leggerrezza u kwazi sarkazmu l-Bord".*

Illi dak li qed jaghmel l-appellanti huwa li jistieden lil din il-Qorti li tezamina mill-gdid il-kwistjoni ta' *hardship* bejn dak tas-sid fil-kaz li ma tintlaqax it-talba tieghu, u dak tal-

intimata fil-kaz li kellha tigi milqugha t-talba tal-appellanti, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-ahhar paragrafu ta' l-**artikolu 9 (b) tal-Kap. 69.**

Illi dwar dan, il-Qorti tinnota li s-sentenza tal-Bord stess trattat il-kaz bhala wiehed sensittiv, u dan kif jidher mis-sentenza tal-istess Bord li Jirregola l-Kera, u dahlet fil-kwistjoni ta' apprezzament tal-*hardship* tal-partijiet, u kkomparat l-istess minkejja dawk li kienu nuqqasijiet tal-appellanti bil-mod li huwa ressaq il-provi tieghu, fejn jirrizulta li naqas li jipprova quddiem l-istess Bord x'kien gara fil-kawza ta' separazzjoni tieghu mid-data li xehed fl-4 ta' Marzu 2005 sakemm giet biex inghatat is-sentenza mill-istess Bord fis-26 ta' Novembru 2010. Ghall-korrettezza jinghad ukoll li l-istess rikorrenti semma li kien ghamel kawza ta' spoll kontra martu sabiex allura huwa jidhol fid-dar konjugali li minnha jallega li gie msakkar barra, sentenza li huwa jghid li kienet ta' ezitu favorevoli ghalih b'decizjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, li huwa qal li kien ser jesebixxi (fl-4 ta' Marzu 2005) izda jirrizulta li ma fil-fatt ma ghamel xejn minn dan.

Illi f'dan l-isfond u dan kollu fil-kuntest ta' dak minnu allegat fir-rikors promotorju u x-xhieda tieghu quddiem il-Bord, kien altru minn korrett l-istess Bord meta fis-sentenza tieghu sostna li r-rikorrenti appellanti naqas anke f'dan ir-rigward li jressaq provi dwar is-separazzjoni personali tieghu u dwar l-kawzi ta' spoll, izda minkejja dan, l-istess Bord baqa' ghaddej sabiex jezamina l-kuncett ta' *hardship*, proprju minhabba li kkonsidra l-kwistjoni *"daqshekk sensittiva" .* Hawn il-Qorti tinnota l-Bord seta` waqaf hawnhekk ghaliex jidher car mill-provi prodotti quddiem il-Bord li r-rikorrenti ma ppruvax sal-grad rikjest mil-ligi dak minnu allegat dwar l-element tal-bzonn, pero' l-istess Bord, mar anke oltre, u kkonsidra l-posizzjoni taht l-aspett, li dato ma non concesso li kien hemm il-bzonn tar-rikorrenti (haga li ma gietx ikkunsidrata bhala provata), jekk dak komparat mal-bzonn tal-intimata, jekk tigi milqugha, t-talba tas-sid, kienx ser ikun ta' pregudizzju ikbar ghall-istess intimata fuq ezami komparattiv ta' *hardship*. Ghalkemm mexa fuq dan il-punt il-Bord, gustament ma setax jiskarta l-fatt li *"r-rikorrenti xehed*

*f'Marzu tas-sena 2005 u din is-sentenza qed tinghata llum f'Novembru 2010 u fil-mori tal-kawza ma nstenmgha xejn dwar kif ir-rikorrenti irrizolca is-sitwazzjoni pendenti tieghu qua separazzjoni personali minn martu u x'sar mill-esekuzzjoni tas-sentenza vincenti ta' spoll anke ghaliex din setghet kienet rizolta fil-mori tal-kawza. Il-Bord huwa tal-fehma illi l-intimata tista' tbati hafna aktar mir-rikorrenti fil-kaz li tintlaqa' t-talba tieghu".*

Illi bir-rikors odjern l-appellanti jghid li xorta wahda ghadu jghix f'garage u dan ghaliex id-dar li ghandu minkejja s-sentenza tal-Qorti, ma inbieghetx, izda dan jikkonferma n-nuqqasjiet tieghu sabiex jipprova dak allegat minnu anke fl-ewwel istanza, u ma jbiddel xejn fit-tieni istanza, iktar u iktar meta jirrizulta li r-rikorrenti naqqas li jressaq l-ahjar prova f'dak li huma vantazzjonijiet tieghu, meta kellu z-zmien kollu u l-mezzi kollha necessarji sabiex jaghmel dan quddiem l-istess Bord. Allura l-kumment tieghu li l-Bord kien *"ingustament insensittiv mal-bzonn tal-appellanti"* huwa kumment fih innifsu azzardat u abbusiv, tenut kont tan-nuqqasijiet kollha tal-istess rikorrenti f'dawk li huwa l-komportament tieghu dwar provi, jew nuqqas taghhom, quddiem l-istess Bord, u li l-Bord minkejja dawn in-nuqqasijiet palezi xorta ezamina l-kaz tieghu minn kull angolu, anke meta tenut kont tal-provi quddiemu, seta` waqaf anke qabel, izda bl-ikbar sensittivita`, ezamina wkoll l-kwistjoni ta' *hardship*, u sab, kif kellu d-dritt li jsib fl-apprezzament tieghu, li l-intimata kienet ser tbati izjed jekk tintlaqa' t-talba tas-sid, u din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li kkonkluda l-Bord, u f'dan is-sens thoss li l-appell tal-appellanti huwa kompletament infondat (jekk mhux ukoll abbusiv), u certament fic-cirkostanzi ma jistax u ma ghandux jigi milqugh u fil-fatt qed jigi michud.

Illi ghall-kompletezza jinghad li dak indikat fil-paragrafu ta' l-ahhar tar-rikors tal-appell dwar l-appellat huwa kollu gratwitu u bl-ebda mod ma huwa sorrett mill-provi u ghalhekk ukoll dan l-appell odjern qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellata datata 31 ta' Jannar 2011 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti Carmelo Borg fir-rikors tal-appelll tieghu datat 16 ta' Dicembru 2010** bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi **"Carmelo Borg vs Maria Dolores Lowe"** tas-26 ta' Novembru 2010 (Rikors Numru 69/2004/GG).

Bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell kontra l-appellanti Carmelo Borg.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------